MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 551/2005

**Middlesea Insurance p.l.c.**

**Vs**

**Alfred Pace f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc ghan-nom ta' Traveller's Garage u b'Digriet tal-5 ta' Gunju 2006 giet kjamata fil-kawza s-socjetà Galea Insurance Brokers Ltd.**

**Il-Qorti**,

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut Alfred Pace, f'ismu proprju w ezercenti l-kummerc ghan-nom ta' Traveller's Garage, jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef hamsa u tmenin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,085.36), illum ekwivalenti ghal sebat elef mija sitta u tmenin Euro u sitta u disghin centezmu (€7,186.96), rapprezentanti l-bilanc ta' *premia* u boll dovuti minnu fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjetà attrici fuq talba tieghu stess; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja

datata 3 ta' Novembru 2003 u ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2004, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) preliminarjament hu ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici; (ii) minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, dwar l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa già lahaq ftehim mas-socjetà Galea Insurance Brokers Limited, u cioè s-socjetà li kkuntratta maghha, liema ftehim qed jigi onorat minnu u ghalhekk l-azzjoni attrici hi intempestiva u guridikament improponibbli; u in fine li (iii) ma ghandu jbati l-ebda spejjez relattivi ghal dawn il-proceduri;

Rat it-talba tal-konvenut ghall-kjamata in kawza tas-socjetà Galea Insurance Brokers Limited, liema talba giet milqugha b'Digriet datat 5 ta' Gunju 2006[1];

Rat illi s-socjetà Galea Insurance Brokers Limited ghalkemm giet debitament notifikata bl-Avviz tas-socjetà attrici naqset milli tipprezenta eccezzjonijiet ghall-istess u ghalhekk jirrizulta li baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Desira, rapprezentanta tas-socjetà attrici, moghtija fis-seduti tal-25 ta' Mejju 2006[2] u tal-5 ta' Gunju 2006[3] u rat id-dokumenti minnha esebiti u markati bhala Dok. "RD1" a fol. 14 sa' 50 tal-process, Dok. "RD2" a fol. 51 sa' 64 tal-process u Dok. "DR1" a fol. 69 tal-process; semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija fis-seduti tat-23 ta' April 2007[4] u tat-28 ta' Jannar 2008[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu u markati bhala Dok. "AP" a fol. 79 sa' 80 tal-process; u semghet ix-xhieda ta' Rosanne Galea, rapprezentanta tas-socjetà kjamata in kawza prodotta bhala xhud mill-konvenut, moghtija fis-seduti tat-2 ta' Gunju 2008[6] u tas-17 ta' Frar 2009[7] u rat id-dokumenti esebiti minnha u markati bhala Dok. "RG1" a

[1] Fol. 65 tal-process.
[2] Fol. 12 sa' 13 tal-process.
[3] Fol. 66 sa' 68 tal-process.
[4] Fol. 77 sa' 78 tal-process.
[5] Fol. 88 sa' 89 tal-process.
[6] Fol. 103 sa' 104 tal-process.
[7] Fol. 110 sa' 113 tal-process.

fol. 105 tal-process, Dok. “RG2” a fol. 106 tal-process, Dok. “RG3” a fol. 107 tal-process, Dok. “RG4” a fol. 114 tal-process u Dok. “RG5” a fol. 115 sa’ 116 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tas-socjetà attrici u tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenut f’ismu proprju w ezercenti il-kummerc ghan-nom ta’ Traveller’s Garage, jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ Lm3,085.36, illum ekwivalenti ghal €7,186.96, rapprezentanti *premia* u boll dovuti fuq diversi poloz ta’ assigurazzjoni mahruga minnha favur l-istess konvenut.

Il-konvenut jirribatti ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u b’hekk hu sottointiz li ebda ammont ma huwa dovut minnu lill-istess socjetà. In oltre jeccepixxi l-intempestività u improponibilità guridika ta’ l-azzjoni attrici billi jikkontendi li dwar l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa già lahaq ftehim mas-socjetà kjamata in kawza Galea Insurance Brokers Limited, liema ftehim qed jigi onorat.

Mill-provi prodotti jirrizulta inkontestat li l-konvenut kien jiggestixxi negozju ta’ kiri ta’ karozzi taht l-isem Traveller’s Garage u li bejn is-snin 1997 u 2002 dawn il-karozzi kienu koperti b’poloz ta’ assigurazzjoni mahruga mis-socjetà attrici. Ghal dan l-iskop però il-konvenut ma kienx mar direttament ghand is-socjetà attrici izda kien avvicina lis-socjetà kjamata in kawza Galea Insurance Brokers Limited, li hija *insurance broker* awtorizzat mill-Malta Financial Services Authority, li a sua volta assigurat il-vetturi tal-konvenut mas-socjetà attrici.

Il-konvenut dejjem kellu kuntatt dirett mas-socjetà kjamata in kawza u l-hlasijiet relattivi ghall-poloz mahruga mis-socjetà attrici kien ihallashom direttament lis-socjetà kjamata in kawza li imbaghad, a sua volta kellha tghaddi l-

ammonti rapprezentanti l-*premia* u boll relattiv lis-socjetà attrici.

Rose Desira[8], rapprezentanta tas-socjetà attrici, xehdet illi f'xi zmien il-kont tal-konvenut relattiv ghall-poloz mahruga mis-socjetà attrici tela' ghal Lm7,256 izda, wara l-hlas ta' Lm3,992 mghoddi lilha mis-socjetà kjamata in kawza, il-bilanc nizel ghal Lm3,264. Dan l-ammont però baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas maghmula mis-socjetà attrici kemm lill-konvenut kif ukoll lis-socjetà kjamata in kawza.

Il-fatt li f'xi zmien il-konvenut waqa' lura fil-pagamenti relattivi ghall-poloz mahruga mis-socjetà attrici jirrizulta minn skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 4 ta' Dicembru 2003[9], iffirmata bejnu w is-socjetà kjamata in kawza. Bis-sahha ta' din l-iskrittura l-konvenut irrikonoxxa li kienet dovuta minnu s-somma ta' Lm6,576.95 u obbliga ruhu li jhallas din is-somma fi zmien tlett snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2004 b'dana li *the rate of payment is not to be less than Two Thousand and Four Hundred (Lm2,400) liri every twelve (12) months*.

Bhala fatt il-konvenut beda jeffettwa xi hlasijiet lis-socjetà kjamata in kawza u hu jghid li ghajr ghas-somma ta' Lm350 hallas dak kollu minnu dovut skond il-ftehim ta' l-4 ta' Dicembru 2003.

Il-konvenut jispiega li s-somma ta' Lm350 ma hallashiex ghaliex ma bediex jafda lis-socjetà kjamata in kawza li skond hu kienet qed tithallas minghandu izda imbaghad ma tghaddix il-hlasijiet dovuti lis-socjetà attrici relativi ghall-poloz mahruga minnha favur il-konvenut, bil-konsegwenza li s-socjetà attrici kienet u ghadha qed tippretendi hlas direttament minghandu.

Rosanne Galea, rapprezentanta tas-socjetà kjamata in kawza, filwaqt li tikkonferma li l-konvenut dahal fi ftehim mas-socjetà kjmata in kawza ghall-hlas b'mod rateali tas-

---

8 Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2006, fol. 12 sa' 13 tal-process.
9 Dok. "AP" a fol. 79 tal-process.

somma ta’ Lm6,576.65, tichad li l-istess konvenut hallas dak kollu minnu dovut skond il-ftehim ta’ l-4 ta’ Dicembru 2003, ghajr ghas-somma ta’ Lm350 u li is-socjetà kjamata in kawza ma kenitx qed tghaddi l-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici. Hija tghid illi dak li gara kien li f’zmien minnhom il-konvenut ma baqax jeffettwa iktar hlasijiet lis-socjetà kjamata fil-kawza bil-konsegwenza li halla bilanc pendenti, liema bilanc huwa fil-fatt l-ammont pretiz mis-socjetà attrici fl-azzjoni odjerna[10].

Fid-dawl tal-fatt li ottjena l-kopertura assigurattiva minghand is-socjetà attrici tramite l-intervent tas-socjetà kjamata in kawza u fid-dawl tal-fatt ukoll li dejjem effettwa hlasijiet lill-istess socjetà kjamata in kawza, il-konvenut jikkontendi li ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjetà attrici bl-implikazzjoni cara li l-azzjoni odjerna ma kellhiex tigi diretta fil-konfront tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti però l-pretensjoni tal-konvenut hi guridikament zbaljata u dana kemm fid-dawl tal-principji guridici li jirregolaw l-istitut ta’ l-assigurazzjoni kif ukoll fid-dawl tal-principji generali tal-Ligi.

Ai termini ta’ l-Artikolu 2(1) ta’ l-Att dwar Kummerc ta’ l-Assigurazzjoni – Kap.403 tal-Ligijiet ta’ Malta: (a) *kuntratt ta’ assigurazzjoni u kuntratt dwar kummerc ta’ l-assigurazzjoni, ifissru ftehim fejn assiguratur jiftiehem b’korrispettiv, li jhallas lill-assigurat jew akkont tieghu somma ta’ flus jew hlas iehor sew jekk bhala indenizz kontra telf, hsara, danni, xi responsabbiltà jew xorta ohra, meta tigri grajja specifikata li dwarha jkun hemm element ta’ incertezza dwar meta ser tigri jew jekk tigrix;* u (b) *polza dwar kummerc ta’ l-assigurazzjoni, tfisser u tinkludi polza jew dokument bhalha, ikun x’ikun l-isem li bih jissejjah, li jipprova li jkun hemm kuntratt ta’ assigurazzjoni*.

Mid-definizzjonijiet moghtija fl-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta johrog ferm car li l-kuntratt ta’ assigurazzjoni

[10] Vide xhieda ta’ Rosanne Galea waqt is-seduti tat-2 ta’ Gunju 2008 u tas-17 ta’ Frar 2009.

huwa kuntratt bilaterali u li l-partijiet marbuta fil-konfront ta' xulxin huma l-assiguratur u l-assigurat.

Il-principju li l-kuntratt ta' assigurazzjoni johloq rabta kontrattwali diretta bejn l-assiguratur u l-assigurat gie enuncjat diversi drabi mill-Qrati Maltin bhal ad esempju mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Sammut v. Middle Sea Insurance p.l.c., Appell Nru. 1188/00** deciza fl-14 ta' Mejju 2004. F'dik is-sentenza inghad illi: *polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjetà assikuratrici, dik l-istess socjetà tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalità li dan isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh is-socjetà assikuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas tal-premium da parti ta' l-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indenniz da parti tas-socjetà assikurattrici*[11].

Fil-kaz in ezami ma huwiex kontestat li s-socjetà attrici *qua* assiguratrici pprovdiet assigurazzjoni favur il-konvenut ghal diversi vetturi uzati minnu fin-negozju tieghu ta' *car hire* bl-isem Traveller's Garage. B'hekk in quanto l-konvenut huwa l-assigurat tas-socjetà attrici, fid-dawl tal-precitat principju guridiku necessarjament jirrizulta li bejnu w is-socjetà attrici tezisti relazzjoni guridika.

Il-fatt li l-konvenut agixxa tramite s-socjetà kjamata in kawza biex ottjena l-kopertura assigurattiva minghand is-socjetà attrici ma jbiddel assolutament xejn mis-sitwazzjoni ghaliex is-socjetà kjamata in kawza, qua *insurance broker*, agixxiet biss ta' intermedjarja bejn il-konvenut u s-socjetà attrici biex inhargu l-koperturi assigurattivi necessarji. Ir-rwol tas-socjetà kjamata in

[11] Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Costanzo v. Laferla Insurance Agency Limited noe, Appell Civili 907/97**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju 2005.

kawza fil-fatt kien dak ta' mandatarju ghall-konvenut assigurat u ghalhekk ir-relazzjoni guridika principali nascenti mill-kuntratti ta' assigurazzjoni li inhargu mis-socjetà attrici favur il-konvenut assigurat kienet u tibqa' bejn l-istess socjetà attrici u l-konvenut.

Il-posizzjoni guridika ta' *insurance broker* fil-kuntest ta' negozju ta' assigurazzjoni giet diversi drabi diskussa u trattata mill-Qrati Maltin bhal ad esempju mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza wara l-kawza fl-ismijiet **Anthony Vassallo v. Alfred S. Azzopardi noe, Citaz. Nru. 710/91** deciza fil-21 ta' April 1999. F'dik is-sentenza inghad illi: *il-ligi li tapplika ghal kaz in kwistjoni hija Artikolu 23(6) ta' l-Att dwar l-Impriza ta' l-Assigurazzjoni, Kap.290, Att XVII, 1981, liema disposizzjoni tikkwalifika "insurance broker" bhala dik il-persuna li "ghal xi kummissjoni jew kumpens iehor jew oggett ta' valur ikun x'ikun, tagixxi jew tghin b'xi mod biex thajjar, jintlahaq ftehim, jew biex isir kuntratt ta' assigurazzjoni jew biex jigi assigurat riskju jew biex tinhareg assigurazzjoni, f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tigi assigurata, barra minnha nnifisha."… Fl-artikolu ta' Senator B.R. Bamford S.C. "Rights and Duties of Insurance Brokers" riportat fil-harga tal-Lloyds Maritime and Commercial Quartlery, February 1976, p.59 … hemm stabbilit li fil-pajjizi Anglo Sassoni, ir-relazzjoni guridika tal-broker ma' l-assikurat jew mal-persuna li titlob assigurazzjoni hija governata mill-kuntratt ta' mandat jew dak ta' l-agent. Hekk ukoll gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc in re: "Antonio Zammit v. Joseph Micallef, 31 ta' Jannar 1952, Vol. XXXVI, P.III, p.610, li meta subagent "jimla' l-proposal form ghal min irid jassigura karozza huwa l-mandatarju ta' min irid jaghmel dik l-assikurazzjoni u mhux tal-kumpanija ta' l-assikurazzjoni … Fl-istess artikolu l-istess awtur ighaddi biex jelenka d-dmirijiet principali ta' l-insurance broker, li "qua" mandatarju huwa fl-obbligu: (a) to perform his mandate fully to the extent of his authority and as expeditiously as possible; (b) to exercise care and the requisite skill in performing the mandate; (c) to notify an insured within a reasonable period that insurance has or has not been effected; (d) to disclose to the insured any information or intention he may have relevant to the*

*insured's interests; (e) to show "uberrima fides" in his dealings with and for an insured; (f) to keep accounts and furnish them in proper form to an insured; (g) to take reasonable steps to protect the insured's interests*.

Il-posizzjoni guridika ta' l-*insurance broker* fil-Ligi nostrali giet ikkonfermata wkoll f'diversi sentenzi ohra fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Azzopardi v. Middle Sea Insurance Company Limited, Citaz. Nru. 1558/95**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Mejju 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 2006, fis-sentenza **Angelo Spiteri v. Citadel Insurance p.l.c., Appell Civili 715/02, Appell Civili Nru. 715/02** deciza fit-28 ta' April 2004, u fis-sentenza **Grace Difesa pro et noe v. HSBC Life Assurance (Malta) Limited, Citaz. Nru. 48/02**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003.

Il-Qorti tirrileva li llum l-*insurance brokers* huma regolati bl-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, Kapitolu 487 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux iktar bil-Kapitolu 290 tal-Ligijiet ta' Malta kif indikat fil-precitata sentenza Vassallo v. Azzopardi. Fl-Att vigenti llum *broker* fl-assigurazzjoni huwa deskritt bhala dik il-persuna jew kumpannija li *b'libertà assoluta dwar l-ghazla taghhom ta' assiguraturi legittimi, ilaqqghu flimkien, bil-hsieb ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' riskji jew irbit, persuni li jkun qed ifittxu assigurazzjoni jew riassigurazzjoni u assiguraturi jew riassiguratirui, jaghmlu xoghol preparatorju biex jikkonkludu kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni u, meta jkun xieraq, jassistu fl-amministrazzjoni u twettiq ta' dawk il-kuntratti, b'mod partikolari fil-kaz ta' claim*[12]. F'din id-definizzjoni ta' *insurance broker* jigi ribadit ir-rwol ta' intermedjarju tal-*broker* u b'hekk jibqa' ferm il-principju enuncjat fil-gurisprudenza nostrali li l-*broker* jagixxi bhala l-mandatarju ta' l-assigurat u r-relazzjoni guridika bejn il-*broker* u l-assigurat hi regolata mid-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar il-kuntratt ta' mandat.

---

[12] Para. 1 tat-Tielet Kolonna ta' l-Iskeda tal-Kap.487 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li jirregolaw il-kuntratt ta' mandat jikkonfermaw illi l-mandant, f'dan il-kaz l-assigurat, ghandu relazzjoni diretta mat-terz, fil-kaz in ezami s-socjetà attrici, li mieghu ikun ikkuntratta l-mandatarju, f'dan il-kaz is-socjetà kjamata in kawza, skond kif inkarigat mill-istess mandant. In effetti l-Artikolu 1880 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-mandant ghandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skond is-setghat li huwa jkun tah.

Ghalhekk thares minn fejn thares lejn il-kaz in ezami kjarament jirrizulta li kontra dak pretiz mill-konvenut, bejnu u s-socjetà attrici tezisti relazzjoni guridika.

Minkejja dan però il-konvenut jikkontendi li bil-kjamata in kawza tas-socjetà Galea Insurance Brokers Limited, il-principju rigwardanti r-rwol ta' l-*insurance broker* u ir-relazzjonijiet guridici nascenti bl-intervent tieghu ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pretensjoni tal-konvenut u l-infondatezza taghha tirrizulta mill-principji guridici li jirregolaw l-istitut tal-kjamata in kawza.

In effetti huwa principju assodat li bis-semplici fatt li ssir il-kjamata in kawza ta' terz, ma jfissirx li l-konvenut ikun mehlus mill-kawza. Il-kjamata tista' ssir biex tipprotegi persuna lit kun tista' tigi effettwata minn decizjoni bejn terzi[13]. Huwa principju daqstant iehor assodat li l-istitut tal-kjamata in kawza hu intiz sabiex jassigura l-integrità tal-gudizzju. Jekk allura jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottejni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat in kawza – hekk kif inhi s-sitwazzjoni fil-kaz ezami kif ser jirrizulta iktar 'l quddiem f'din is-sentenza – ghaliex dan ma ghandu ebda relazzjoni guridika u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess mertu legittimu kontradittur tal-konvenut, l-azzjoni ma tkunx tista' tregi fil-konfront tieghu[14].

---

[13] Vide **Maltacom p.l.c. v. Raymond Mallia et, Appell Civili Nru. 2347/97**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Frar 2000 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2003.

[14] Vide **Maltacom p.l.c. v. C.P.L. Developments Limited et, Citaz. Nru. 2619/98**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2001.

L-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut ma tregix u ghaldaqstant ghandha tigi michuda.

Sorvolata l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, jehtieg issa tigi trattata t-tieni eccezzjoni sollevata minnu u cioè l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici kif diretta fil-konfront tieghu hi intempestiva u guridikament insostenibbli.

Il-konvenut jghid li fir-rigward ta' l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa già ghandu ftehim mas-socjetà kjamata in kawza, liema ftehim qed jigi minnu onorat. Il-ftehim li jaghmel referenza ghalih il-konvenut huwa dak datat 4 ta' Dicembru 2003 iffirmat bejnu w is-socjetà kjamata in kawza esebit a fol. 79 tal-process, bis-sahha ta' liema kkostitwixxa ruhu debitur tas-socjetà kjamata in kawza fis-somma ta' Lm6,576.65 u ntrabat li jhallas dan l-ammont fi zmien tlett snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2004, bil-pagamenti ma jammontawx ghal inqas minn Lm2,400 kull sena.

L-ammont ta' Lm6,576.65 jirrapprezenta *premia* u boll dovuti fuq il-poloz mahruga mis-socjetà attrici u l-*commission* dovuta lis-socjetà kjamata in kawza. Il-ftehim bejn il-konvenut u s-socjetà kjamata in kawza kien li l-konvenut jhallas l-imsemmi ammont b'mod rateali lis-socjetà kjamata in kawza u din, mill-ammonti ricevuti minghand il-konvenut tghaddi lis-socjetà attrici l-ammonti rapprezentanti l-valur tal-*premia* u boll.

Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tat-23 ta' April 2007[15], jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-kontestazzjoni tal-konvenut ma baqghetx li kien qed jonora l-ftehim imsemmi imma li hallas lis-socjetà kjamata in kawza dak kollu dovut ghajr ghall-ammont ta' Lm350, izda din is-socjetà naqset milli tghaddi lis-socjetà attrici dak dovut lilha. B'hekk il-kontestazzjoni tieghu ma baqghetx tant li l-azzjoni attrici hija intempestiva imma iktar li s-socjetà attrici kellha se mai tidderigi t-talba

[15] Fol. 77 sa' 78 tal-process.

taghha ghall-hlas fil-konfront tas-socjetà kjamata in kawza u mhux fil-konfront tieghu.

Il-Qorti però ma taqbilx ma dak allegat u konsegwentement pretiz mill-konvenut u dana billi: (i) fil-fehma Taghha ma giex pruvat b'mod sodisfacenti li huwa effettivament hallas lis-socjetà kjamata in kawza l-ammont dovut skond il-ftehim ta' l-4 ta' Dicembru 2003 ghajr ghas-somma ta' Lm350, u li dik is-socjetà naqset milli tghaddi lis-socjetà attrici dak dovut lilha ghall-*premia* u boll relattiv fuq il-poloz mahgurga minnha favur il-konvenut; u billi (ii) fi kwalunkwe kaz anke kieku stess gara kif allegat mill-konvenut, hu xorta wahda jibqa' legalment responsabbli fil-konfront tas-socjetà attrici ghall-hlas tal-*premia* u boll relattiv dovuti ghall-poloz mahruga minnha favur tieghu.

In sostenn ta' l-allegazzjoni ta' pagament il-konvenut esebixxa prospett[16] li skond hu juri l-pagamenti effettwati minnu lis-socjetà kjamata in kawza. Din l-allegazzjoni però giet ribattuta u mxejna minn Rosanne Galea, rapprezentanta tas-socjetà kjamata in kawza, fix-xhieda taghha waqt is-seduti tat-2 ta' Gunju 2008 u tas-17 ta' Frar 2009.

Galea xehdet illi *lil Alfred Pace nafu. Kien klijent taghna Galea Insurance Brokers u kien jassigura l-vetturi tieghu maghna, bhala brokers però l-assigurazzjoni proprja hija Middlesea. Il-hlasijiet ghat-tigdid tal-poloz kien isir lilna. Fi zmien Alfred Pace waqa' lura fil-pagamenti peress illi kellu hafna karozzi u kultant kien jigi jhallas xi haga. Meta rajt li kien qed ihallas ftit paragun ma' l-ammont li kellu jaghtina, jiena baght ghalih sabiex niddiskutu l-kwistjoni u ftiehmna dwar modalità ta' hlas li kellu jsir kull xahar u Alfred Pace hekk kien jaghmel u kull xahar kien jigi jhallas skond kif konna ftiehmna. Però wara xi ftit Alfred Pace waqaf illi jhallas lilna u jidher li mar ihallas direttament lill-Middelsea. Beda jaghmel l-assikurazzjoni direttament mal-Middlesea u jhallas. Din il-bicca ma ogbitniex peress li xorta kellu jaghtina l-flus u l-flus li ser jaghti lilna xorta kellhom imorru ghand il-Middlesea, ghalhekk id-djun tal-*

[16] Fol. 80 tal-process.

*Middlesea huma djun taghna. Mill-ammonti illi jhallas Alfred Pace lilna naqqasna l-commission li kien dovut lilna u l-bqija hallasna kollox lill-Middlesea. L-ahhar pagament li ghamel Alfred Pace kien fil-15 ta' Jannar 2005 u nesebixxi dokument li juri l-bilanc li kellu jaghti lilna sa' dik il-gurnata*[17] *… Id-dokument illi Alfred Pace ghamel lilna jidher esebit a fol. 80. Il-firma li tidher fit-tarf ta' dan id-dokument hija ta' wahda mill-impjegati tieghi. Skond dan id-dokument fil-15 ta' Jannar 2006 kien fadallu jaghti lilna l-ammont ta' Lm1952. Fuq dan l-account biss ghax kellu account iehor ta' ammont zghir. Dan l-account ukoll jirrapprezenta poloz tal-Middlesea però Alfred Pace ma ghamilx pagament fuqu. Kull meta l-konvenut kien jigi bic-cheque konna niffirmaw fuq il-folio a fol. 80. Minn hemm jidher illi fejn hemm RG voldieri nkun ircevejt ic-cheque jiena u gieli rceviethom Dorianne Gauci u Maisy Muscat. Il-ftehim li ghamilna ma' Alfred Pace li jhallas ratealment ikopri z-zewg accounts. Dawn l-accounts huma intestati FCH002 u l-iehor PAC019 … Il-ftehim li ghamilna ma' Alfred Pace beda fl-4 ta' Dicembru 2003 meta kellu ammont sostanzjali dovut fuq account wiehed. L-ammont kien ta' Lm6575.95. Gie ghandna l-ufficju u jiena kont ftiehmt mieghu illi dan l-ammont bilancjali jithallas ratealment u beda jaghmel pagamenti kull xahar, bhalma jidher minn dan l-istatement a fol. 80. Izda f'daqqa wahda ddecieda li ma jigix aktar*[18]*.*

Hu evidenti li Rosanne Galea taghti versjoni tal-fatti relattivi ghall-hlasijiet effettwati mill-konvenut ghal kollox differenti ghall-versjoni li jaghti l-istess konvenut. Filwaqt li l-konvenut jikkontendi li hallas dak kollu dovut ghajr ghas-somma ta' Lm350, Galea tikkontendi li f'certu zmien il-konvenut waqaf ihallas u halla pendenti bilanc ferm iktar mis-somma ta' Lm350, u attwalment il-bilanc pendenti huwa l-ammont pretiz mis-socjetà attrici.

Rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni l-Qorti ghandha zzomm quddiem ghajnejha zewg principji guridici ferm importanti meta jigi allegat il-pagament: (i) li *l-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta'*

---

[17] Fol. 103 sa' 104 tal-process.
[18] Fol. 110 sa' 111 tal-process.

*dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq* [il-kreditur] *mill-bidu sa' l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu …*[19]; u li (ii) ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta, huwa xorta mehtieg li il-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod iehor li jikkonvinci lill-Qorti li dan il-pagament effettivament sar[20].

Applikati dawn il-principji guridici ghal dak li jirrizulta mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta l-konvenut hallas dak kollu minnu dovut skond il-ftehim ta' l-4 ta' Dicembru 2003, ghajr ghas-somma ta' Lm350. Lanqas ma hi konvinta li s-socjetà kjamata in kawza rceviet hlasijiet minghand il-konvenut izda naqset milli tghaddi lis-socjetà attrici dak lilha dovut bhala *premia* u boll fuq il-poloz mahruga minnha favur l-istess konvenut.

Kif già inghad il-konvenut jibbaza l-prova tal-pagament fuq dak li jirrizulta mill-prospett esebit minnu a fol.80 tal-process. Izda, fil-fehma tal-Qorti dan id-dokument mhux talli ma jissosstanzjax l-allegazzjoni tal-konvenut talli addirittura juri bic-car li wara certu zmien il-konvenut waqaf jeffettwa hlasijiet u halla bilanc pendenti ferm in eccess minn Lm350. Minn dan id-dokument jirrizulta li sal-15 ta' Jannar 2006 il-pagamenti effettwati mill-konvenut huma kollha konfermati minn firem ta' impjegati tas-socjetà kjamata in kawza[21] u min-numru tar-ricevuti relattivi. Mill-15 ta' Frar 2006 'l quddiem però tali konferma

[19] **Ian Abela Fitzpatrick v. Web Trading Limited, Appell Nru. 1752/01** deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' Ottubru 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Novembru 2003; **Desmond Mizzi noe v. Patrick Filletti pro et noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2000; u Manuel **Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju 1970.
[20] **Ian Abela Fitzpatrick v. Web Trading Limited, Appell Nru. 1752/01** deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' Ottubru 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Novembru 2003; **Dr. John Buttigieg noe v. Joseph Portelli pro et noe**, Appell Kummercjali deciza fis-26 ta' Jannar 1976; u **John Cini v. Rita Camilleri**, Appell Kummercjali deciza fit-28 ta' Lulju 1982.
[21] Vide anke xhieda ta' Rosanne Galea f'dan ir-rigward.

ma tirrizultax ghaliex la hemm firem u wisq inqas indikazzjoni ta' ricevuti mahruga versu hlasijiet.

Ladarba l-unika prova li fuqha jistrih il-konvenut biex jissosstanza l-allegat pagament ma hijiex prova konklussiva ta' tali pagament, ma jistax jitqies li din l-allegazzjoni giet sodisfacentement ippruvata. Fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti ta' l-allegat pagament lanqas tirrizulta pruvata l-allegazzjoni l-ohra tal-konvenut illi s-socjetà kjamata in kawza kienet qed tircievi hlasijiet minghandu izda imbaghad ma tghaddix lis-socjetà attrici dak dovut lilha ghall-hlas tal-*premia* u boll relattivi ghall-poloz mahruga minnha favur il-konvenut.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm is-socjetà kjamata in kawza baqghet kontumaci dan ma ghandux ifisser li qed tammetti dak allegat mill-konvenut ghaliex huwa principju assodat li *l-kontumacja ma hijiex ammissjoni* (***Charles Saliba v. Salvu Borg – Appell 27-6-1997***) *u skond kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata ukoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verità tal-fatti* (***Ruth Apap vs Noel Apap – P.A. FDP 30-6-1995***)[22].

Bla pregudizzju ghal dak kollu appena osservat, il-Qorti hi tal-fehma li anke kieku stess kellu jirrizulta li dak allegat mill-konvenut huwa minnu, xorta wahda jibqa' l-fatt li guridikament hu l-istess konvenut li hu responsabbli fil-konfront tas-socjetà attrici ghall-hlas tal-*premia* u boll relattiv ghall-poloz mahruga minnha favur tieghu. Dan l-obbligu tal-konvenut versu s-socjetà attrici jirrizulta min-natura stess tar-rwol ta' l-*insurance broker* ghaliex huwa principju stabbilit fl-istitut ta' l-assigurazzjoni li fl-eventwalità li l-*insurance broker* jonqos fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu jew jagixxi b'negligenza f'xogholu, il-konsegwenzi xorta jrid ibatihom l-assigurat, salv

---

22 **Raymond Gauci et pro et noe v. Christopher Galea, Citaz. Nru. 1857/98RCP** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2001.

naturalment kull rimedju li hu jista' jkollu kontra l-*insurance broker* ai termini tal-Ligi[23].

Ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda.

Stabbilit illi bejn is-socjetà attrici u l-konvenut tezisti relazzjoni guridika nascenti mill-poloz mahruga mill-istess socjetà favur il-konvenut u li indipendentement minn dak li seta' gara bejn is-socjetà kjamata in kawza u l-konvenut, l-istess konvenut xorta huwa responsabbli lejn is-socjetà attrici ghall-hlas tal-*premia* u boll relattiv fuq il-poloz mahruga minnha, jehtieg issa jigi stabbilit is-socjetà attrici irnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti il-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenut.

In sostenn tat-talba taghha s-socjetà attrici esebiet *statement of account* tal-konvenut, Dok. "RD1" a fol. 14 tal-process u l-poloz relattivi, fol. 15 sa' 49 tal-process, minn liema jirrizulta ammont pendenti ta' Lm3,085.36, ekwivalenti ghal €7,186.96. Ghalkemm il-konvenut in verità mhux qed jikkontesta l-*quantum* ta' l-ammont pretiz mis-socjetà attrici, mid-dokumenti esebiti mill-istess socjetà u minn *statement of account* ta' l-istess socjetà izda ezebit minn Roseanne Galea, Dok. Dok. "RG5" a fol. 115 u 116 tal-process, jirrizulta li fl-ammont mitlub mis-socjetà attrici hemm inkluza l-*commission* dovuta lis-socjetà kjamata in kawza u li s-socjetà attrici ma haditx in konsiderazzjoni tnaqqis ta' Lm100, ekwivalenti ghal €232.93, minnha koncess lill-konvenut.

B'hekk l-ammont effettivament dovut lis-socjetà attrici mill-konvenut huwa l-ammont li jirrizulta wara li mis-somma ta' Lm3,085.36, ekwivalenti ghal €7,186.96, jitnaqqsu l-valur tal-*commission* tas-socjetà kjamata – ammontanti ghal Lm482.74, ekwivalenti ghal €1,124.48 – u s-somma ta' Lm100 imsemmija iktar 'l fuq: ossia Lm2,502.62, ekwivalenti €5,829.53.

23 **Joseph Mamo v. Joseph Grech et noe, Citaz. Nru. 108/93**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2002.

Billi l-konvenut finalment irrizulta responsabbli ghall-hlas lis-socjetà attrici u bhala fatt ghandu jhallasha s-somma ta’ €5,829.53 rapprezentanti l-valur ta’ *premia* u boll relattiv ghal poloz mahruga minnha favur tieghu, il-Qorti necessarjament ghandha tichad anke t-tielet eccezzjoni sollevata minnu, u cioè l-eccezzjoni li ma ghandu jbati l-ebda spejjez relattivi ghal dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa’ t-talba tas-socjetà attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ €5,829.53, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta’ Settembru 2004, (id-data meta tnaqqset l-ahhar somma ta’ €116.47 skond id-dokument a fol. 115 u 116 tal-process) sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------